# L-Anġli tas-Sepulkru u tal-Kwaranturi li nsibu f'Birżebbuġa

**Perit Michael Schembri**



Fil-festa ta' San Pietru nfakkru l-ġrajja ta' meta l-Patrun tagħna kien fil-ħabs f'Ġerusalemm u nħeles permezz tal-anġlu. Iżda donnu dan l-anġlu kien xi ftit żvinturat għax fil-knisja tar-raħal ma jidher kważi mkien. Jidher ftit fil-panew ta' quddiem tal-bankun iżda hawn ukoll ma sabx xortih, għax sew fin-niċċa, kif ukoll meta jkun armat fil-knisja, spiss jinħeba min-nies. Forsi kien xi ftit mistħi għax lil San Pietru dehrlu billejl.

Iżda għalkemm lil dan l-anġlu warrabnieh u m'għamilnilux festa bħalma jagħmlulu tal-Lunzjata jew tal-Ġilju, għandna fostna żewġ anġli sħabu li xtaqt naqsam magħkom xi ħsibijiet dwarhom. Qed nirreferi għall-anġli li narmaw fil-knisja għall-festi tas-Sagrament. Bħal ħafna knejjes oħra, dawn il-par jintramaw fuq il-presbiterju tal-artal maġġur fil-ġranet tal-Kwaranturi kif ukoll fuq l-artal tar-repożizzjoni, aktar magħruf bħala s-'Sepulkru', għall-Viżti tal-Ġimgħa Mqaddsa. Id-differenza hi li filwaqt li f'ħafna postijiet jintużaw anġli bil-wieqfa, li bosta drabi jkunu saru prinċipalment biex jintramaw għall-festa esterna, fil-każ tagħna għandna par għarkupptejhom jiġifieri magħmulin speċifikament għall-Adorazzjoni.



L-Anġli antiki mas-Sepulkru ta' Birżebbuġa.

Jien minn dejjem inġbidt mis-sbuħija tagħhom. U billi jsemmu kemm huma sbieħ l-anġli ta' Karlu Darmanin, kont nara nilmaħx xi xebħ ma' xi anġli attribwiti lilu. Darba kont fil-Knisja tal-Kapuċċini tal-Furjana u nzerta kien hemm par simili għalihom. Iżda ma sibt lil ħadd jgħidli dwarhom. Ġara li meta nbena ċ-Ċentru Parrokkjali ta' mal-Knisja, kien hawn min ħaseb li l-armar tal-Knisja ma fadallux skop tant li wżaw il-kolonni tal-anġli biex fuqhom iqiegħdu l-fallakki sabiex ikunu jistgħu jbajdu. Tistgħu taħsbu x' kien fadal minnhom. Intant meta tlestiet is-sala, naddafnihom u sewwejnihom kif stajna u nnutajt li kien hemm xi timbri. Jien kont pront erġajt ktibt dak li stajt naqra b'tipa akbar bit-tama li xi darba nkun naf aktar dwarhom.

Għaddew is-snin u waqt li kont qed inżarmahom din is-sena, wara l-festa tal-Qalb ta' Ġesù, erġajt ftakart fihom. Iċċekkjajt dak li kont ktibt fuq il-pedestall bit-tama li nerġa' nfittex xi ħaġa. Il-kitba tgħid *"Alessandro Mallia, Statuario, Casal Curmi, Malta"*, u bi ftit tidwir fuq l-internet sibt li Xandru Mallia kien iben Karmnu Mallia – il-missier magħruf bħala l-Lhudi, li kienu l-konservaturi tal-maskri jew forom tal-uċuħ ta' Karlu Darmanin. Mhux ta' b'xejn li l-anġli jkellmuk!



It-Timbri li nstabu fuq il-kolonni tal-Anġli. Il-kolonni ġew ikkummissjonati flimkien mal-Anġli. It-timbri jaqraw hekk: ALESSANDRO MALLIA, STATUARIO, CASAL CURMI, MALTA.

Bħas-soltu, informazzjoni oħra dwarhom m'għandniex. L-anzjani kienu qaluli li dawn kienu fil-knisja l-qadima u mingħalihom ġieli kienu jintramaw għall-festa tad-Duluri. S'issa qatt ma nzertajna xi ritratt biex nikkonfermaw dan. Intant fiż-żmien li Dun Evan kien viċi, kien ħadhom għaż-żebgħa, tiswija, induratura u rħamar, kif ukoll biddel il-furketta tal-brazz ma' linfa. Niftakar kont għedtlu biex ma nerfgħuhomx fuq għax sakemm jitilgħu u jinżlu faċli jintlaqtu. Dan is-suġġeriment ma ntgħoġobx għax intqal li fuq ikunu merfugħin aktar fiċ-ċert li ma jintlaqtux matul is-sena u hekk sar. Meta qorob iż-żmien li jinżlu staqsejt min se jniżżilhomli. Intbaħt li ta' darba jtellgħuhom iżda mbagħad kulħadd jiddejjaq jibqa' jintriga kull darba. Jien għedtilhom li waħdi ma nista' nagħmel xejn u li kieku nipprova nsib lil xi ħadd jgħinni u jintlaqtu, malajr jingħad li lqattnihom apposta. U dik id-darba baqgħu fuq u ma niżlux għall-Kwaranturi. Għas-sena ta' wara, fakkarthom kmieni u ġew iniżżluhom. Xhin lestew ġew jgħiduli bit-tbissima li tajru seba' ta' wieħed minnhom. Jien ħadthom biż-żufjett sakemm ġejt biex narmahom u nsib li hekk kien. U minn dakinhar baqgħu fil-maħżen tas-sular t' isfel.

Kellu bżonn nagħrfu napprezzaw aħjar l-affarijiet li saru minn ta' qabilna, nieħdu ħsiebhom u ngħadduhom lil ta'



L-iskultur Xandru Mallia jidher fl-estrem lemin ta-ritratt bin-nuċċali. Ftit li xejn jeżistu ritratti ta' Xandru Mallia għalhekk dan jista' jitqies ritratt rari ħafna. Dan ir-ritratt qed jinġieb bil-kortesija ta' Angelo Schembri, riċerkatur u storiku. Huwa ltaqa' ma' dan ir-ritratt per każu meta f'April li għadda l-vara ta' San Ġorġ inħarġet proċessjonalment u niżlet fix-xaqliba ta' San Bastjan. Huwa fil-fatt iltaqa' ma' dan l-inkwadru f'waħda mid-djar tal-parroċċa Bastjaniża. Meta staqsa dwaru lil sid id-dar qallu li dak ir-ritratt għandu 70 sena, u li dik l-istatwa li tidher fir-ritratt saret għal Għawdex u li r-raġel li jidher fuq il-lemin bis-sidrija u n-nuċċali huwa dak li ħadmu: l-istatwarju Xandru Mallia. Din il-vara żżanżnet 70 sena ilu, 28 t'April 1946. Din il-vara ta' San Ġorġ inħadmet qrib l-Għassa tal-Puluzija ta' Ħal Qormi u kien tqil immens. Maż-żmien twarrab biex inħadem San Ġorġ ieħor ġdid mill-istatwarju Wistin Camilleri. Meta bdew ikissru din il-vara ta' San Ġorġ, sabu li minn ġewwa kien vojt, iżda mimli b'kull xorta ta' mbarazz fosthom kaxxi tal-birra, li kienu sinonimi ma' Xandru Mallia. Fost ix-xogħlijiet oħra li ħadem insibu l-istatwa tad-Duluri ta' Settembru tan-Naxxar u l-istatwa tal-marċ l-antika ta' San Ġużepp ta' Ħal-Kirkop.

warajna fi stat xieraq. Kellu bżonn ukoll ikun hemm min jinteressa ruħu meta jsir l-armar ta' affarijiet tqal u delikati. Ħafna drabi jkollna nserrħu fuq dawk li jinzertaw għall-Quddiesa ta' filgħaxija li kulma jmur qegħdin jikbru fl-età u jonqsu fin-numru.

**Is-Soċjetà tirringrazzja minn qalbha lil dawk li jaħdmu fl-armar u fil-kura tat-Tempju tagħna ddedikat lil San Pietru Appostlu fil-Ktajjen (Ad Vincula). Ringrazzjament xieraq imur għall-Perit Michael Schembri li jaħdem lejl u nhar biex it-tempju tagħna jkun veru denju ta' post qaddis fejn tingħata qima lil Alla. Nafu li fil-jiem tal-festa jkun hemm min imur u jagħtih daqqa t'id fl-armar tal-festa Titulari. Flimkien mal-Perit Schembri, lil dawn nirringrazzjawhom ukoll minn qalbna tax-xogħol kbir li qed jagħmlu. Grazzi ħafna.**

